KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 388 B'Urġenza

L-Erbgħa 6ta' Mejju 2020

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi inżammet *online* minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti relatati mal-Covid-19, u skond id-Direttiva 2/2020 punt 4.5, fl-4.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Is-Sindku Kurstein Nicholas Sant
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Kulħadd kien preżenti

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Kwistjoni mal-GreenMT rigward sospensjoni tal-ġbir ta' skart riċiklabbli nhar ta' Ġimgħa

Il-Kunsill tlaqqa' illum b'urġenza minħabba komunikat mingħand GreenMT riċevut fit-8 t'April 2020, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li minn nhar il-Ġimgħa 8 ta' Mejju, is-servizz tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli ser jiġi temporanjament sospiż minħabba sitwazzjoni ta' operat mhux sostenibbli. Is-servizz ser ikun sospiż għal tmien ġimgħat konsekutivi.

Wara li qara l-komunikat, is-Sindku qal li mill-ewwel ġie infurmat l-Avukat tal-Kunsill minħabba li dan imur kontra ftehim bejn il-GreenMT u l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi datat l-1 t'Ottubru 2019, liema ftehim jobbliga lil GreenMT bil-ġabra tal-borża l-griża darbtejn fil-ġimgħa, nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa.

Is-Sindku kwota wkoll ir-risposta mill-Onor. Aaron Farrugia li tgħid:

"Il-ġbir ta' skart mill-Kunsilli Lokali hi ħidma li taqa taħt il-Ministeru għall-Gvern Lokali. Jien bħala Ministru tal-Ambjent weġibt xorta waħda lis-Sur Attard (GreenMT) u għedtlu li ma narax il-bżonn li jinbidel il-mod u d-drabi biex jinħabar dan l-iskart.

*1. The payment which Wasteserv provides to both PROs per tonne, which also contributes to its operations.*
*2. The fact that not all of the registered members have reduced operations, but some major members who import foodstuffs should have actually increased placement*
*3. The implication this change in schedule might have on the collection of recyclables if widened to 10 (the information that I have is that Green MT services 11LCs with twice weekly collections) localities.*

*Producer responsibility organisations (PROs) like GreenMT and GreenPak are financed by producers and importers who register with them and pay a fee according to the amount and type of packaging material they place on the market. They also receive financing from Wasteserv for the recyclable material collected from localities. PROs finance the collection of the grey/green bags, most of which are done on Tuesdays with some localities having a second collection on Fridays."*

Is-Sindku rrefera wkoll għar-risposta mid-DG (DLG) fejn qal li l-Kunsill jista' jagħmel l-arranġamenti ma' kuntrattur ieħor barra l-iskema, jew mal-istess kuntrattur tal-iskema. Huwa rrefera wkoll għal '*The Council may seek recovery of expenses incurred from GreenMT as a breach of Contract'.*

Is-Sindku qal li fis-sitwazzjoni preżenti, u anka peress li fl-aħħar ġimgħat il-pożizzjoni tal-GreenMT baqgħet ma nbidlitx, il-Kunsill jista' jiddeċiedi:

- Li s-servizz għal dawn it-tmien ġimgħat ikun sospiż
- Li jitwaqqa' l-ftehim bejn iż-żewġ partijiet minħabba 'breach'
- Li s-servizz għal dawn it-tmien ġimgħat jibqa' jingħata lir-residenti tas-Siġġiewi, u jiġi ffinanzjat mill-Kunsill.

Is-Sindku qal li konvint li l-Kunsill tas-Siġġiewi jagħżel li dan is-servizz għandu jibqa' jingħata lir-residenti, anka meta tikkunsidra l-isforzi kollha f'dawn l-aħħar snin għal kampanja edukattiva għas-separazzjoni tal-iskart. Huwa qal li intalbu stimi għal ġbir tal-iskart biex tinstab l-aħjar offerta u biex tiġi stabbilita l-ispiża involuta.

L-iktar offerta vantaġġjuża hija tal-kollettur attwali għall-ammont ta' €358.48 (eskluż il-VAT) kull ġabra. F'korrispondenza datata 5 ta' Mejju, l-GreenMT infurmana li f'każ li l-Kunsill jiddeċiedi li jagħmel użu mill-kuntrattur attwali, huma jirrifondu l-ħlas mogħti lilhom minn Wasteserv għat-tunnellaġġ.

Is-Sindku ppropona li jiġi mistħarreġ jekk il-kollettur attwali jistax jiddisponi mill-iskart riċiklabli fil-faċilitatjiet tal-Wasteserve dirett taħt l-isem tal-Kunsill Lokali u allura r-rifużjoni msemmija mill-GreenMT tgħaddi dirett il-Kunsill Lokali Siġġiewi. IL-Kunsillier Dominic Grech offra li l-assistenza tiegħu f'dan ir-rigward. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit proponiet li tiġi kkuntattjata l-kumpanija GreenPak li wkoll qegħda fl-iskema biex naraw jekk l-iskart jistax jinġabar taħt il-kappa tagħhom għal dawn it-tmien ġimgħat u li jiġu kkuntattjati l-Wasteserv biex naraw jekk l-iskart jistax jinġabar taħt il-kappa tal-Kunsill Lokali Siġġiewi u b'hekk ir-rifużjoni tidħol mill-ewwel għand il-Kunsill.

Wara diskussjoni, l-Kunsill approva unanimament li s-servizz ta' ġbir ta' skart riċiklabbli jibqa' jiġi provdut lir-residenti u allura il-Kunsill għandu jkompli jagħmel l-isforz kollu sabiex it-tieni ġabra ta' skart riċiklabbli ma titwaqqafx. Fiċ-ċirkostanzi preżenti allura din it-tieni ġabra għandha titħallas mill-Kunsill, u f'kas li ma jkunx hemm opzjoni oħra kif imsemmi hawn fuq, issir skrittura permezz tal-avukat fejn il-Greenmt jintrabat li jgħaddi r-rifużjoni lill-Kunsill.

Dan ma jippreġudikax li l-Greenmt naqset mill-obbliġi tagħha tal-ftehim, u li l-Kunsill jirkupra l-ispejjez kollha għal dan is-servizz.

Il-laqgħa intemmet fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 11 ta' Mejju 2020

Dr Kurstein N. Sant
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv